# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 22 ta' Ottubru 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**
**(Spettur Eman Hayman)**
**(Spettur Oriana Spiteri)**

**vs**

**Nixar Hasan Tongi et;**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija:

Omissis 1;

Omissis 2;

Omissis 3;

Omissis 4;

Omissis 5;

Omissis 6;

Omissis 7;

Omissis 8;

Omissis 9;

Omissis 10;

Omissis 11;

Omissis 12;

Omissis 13;

Omissis 14;

Omissis 15;

Omissis 16;

Omissis 17;

Omissis 18;

Omissis 19;

Nizar Hasan Tongi u detentur tan-numru tal-pulizija 19K-024

Omissis 20 ;

Omissis 21;

Salah Idin iben Idin u Abeka detentur tan-numru tal-pulizija 19K-057

Omissis 22;

Akkuzati talli nhar il 21 ta' Ottubru 2019 fis-sieghat ta' filghodu gewwa Halfar Village Tent, Halfar u anka f'Halfar:

1. Ma obdewx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħalliejhomx jew fixkilhom waqt li kien qed jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħħlu fi dmirhom, jew billi ġabu fix-xejn jew ħasru dak li ħaddieħor kun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jaqgha' taħt l-ebda dispożizzjonijiet oħra u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. Kissru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta Artikolu 338(dd) ta Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi. Iz-zewg reati li taghhom l-imputati qed jinstabu hati huma kontravenzjonijiet konsegwentement il-piena ghandha tkun  jew detenzjoni ghal perjodu mnassimu ta' xahrejn, jew ammenda ta' mhux aktar minn tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23), jew ċanfira jew twiddiba. Tenut kont tac-cirkostanzi li fihom gew kommessi dawn ir-reati l-Qorti hija tal-fehma li l-piena ghandha tkun wahda karcerarja u ghal perjodu li jkun aktar vicin il-massimu milli l-minimu; il-piena m'ghandhiex tinghata fil-massimu in vista ta'l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom sitt (6) gimghat detenzjoni.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**